DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
DEPARTMENT OF INFORMATION
MALTA

Press Release

PR 0666 **22. 03. 2012**

STQARRIJA MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA TAL-PJANTI: LINJI GWIDA DWAR L-UŻU TAL-FRIEGĦI TAL-PALM FL-OKKAŻJONI TA' ĦADD IL-PALM

Is-siġar tal-palm jintużaw għal diversi attivitajiet minbarra t-tisbiħ tal-pajsaġġ. Lokalment hija tradizzjoni li l-friegħi tal-palm tal-ispeċi *Phoenix* jintużaw għall-funzjonijiet li jsiru nhar Ħadd il-Palm.

L-akbar attenzjoni hija fuq il-'*Canary Palm*' (*Phoenix canariensis*) li lokalment hija l-aktar waħda suxxettibbli għall-Bumunqar l-Aħmar tal-Palm (*Red Palm Weevil*). Din l-ispeċi hija fost l-akbar siġar tal-palm li jikbru lokalment. Jistgħu jikbru sa għoli ta' 15-il metru u għandhom friegħi twal u ħodor bil-bażi tagħhom tniggeż.

F'dawn l-aħħar snin Malta, flimkien ma' pajjiżi oħra Ewropej u pajjiżi oħra tal-Mediterran qegħdin jiffaċċjaw problema kbira bil-Bumunqar l-Aħmar tal-Palm, li jħaffer il-palm u kapaċi joqtol is-siġar f'perjodu qasir ta' żmien. Din il-ħanfusa kapaċi ttir distanzi twal biex tinfesta siġar oħra tal-palm.

Għalhekk, huwa importanti ħafna illi jiġi żgurat li friegħi tal-palm li jintużaw għal skop ornamentali f'Ħadd il-Palm ikunu ħielsa minn kwalunkwe sintomu assoċjat mal-Bumunqar l-Aħmar tal-Palm.

Avviż Legali 42 tal-2009 jipprovdi li, sabiex isir żbir tal-palm jeħtieġ il-permess tad-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti. Is-siġar tal-palm li minnhom isir iż-żbir tal-friegħi għandhom jiġu mbexxa b'pestiċidi addattati għal wara ż-żabra skont il-provvedimenti li jaqgħu taħt in-Notifika tal-Gvern Nru. 564 tal-2011. Dan it-trattament għandu jiġi ripetut għal tliet darbiet konsekuttivi biex nipproteġu bl-aħjar mod is-siġar tal-palm.

Il-friegħi għandhom jiġu maqtugħa żgħar kemm jista' jkun sabiex jitnaqqsu l-partijiet infettati li ġeneralment tkun ikkonċentrata fil-parti t'isfel tal-fergħa. Il-bażi tal-fergħa li tkun inqatgħet għandha tiġi mgħottija b'taħlita taż-żabra li taqgħad fuq il-ferita. Dan minħabba li l-Bumunqar l-Aħmar tal-Palm jiġi attirat minn dan il-qtugħ frisk sabiex jiddepożita l-bajd.

Attachments: None

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

Il-palm kollu li minnhom jinqatgħu l-friegħi għandhom ikunu reġistrati mad-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti.

Sabiex jiġi kkontrollat dan il-mard id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti jħeġġeġ għal koperazzjoni tal-pubbliku f'dawn l-attivitajiet ħalli dawn id-drawwiet jitkomplew mill-ġenerazzjonijiet futuri.

Għal aktar informazzjoni u gwida wieħed għandu jikkuntattja lill-Customer Care fi ħdan id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali fuq 22927106 jew fuq *freephone* 80072310. Wieħed jista' ukoll jagħmel kuntatt permezz tal-posta elettronika plantquarantine@gov.mt jew iżur is-sit uffiċjali tad-Direttorat www.planthealth.gov.mt